FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 18 TA' GUNJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH CORDINA
VS
BARTHOLOMEW MIFSUD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Bartholomew Mifsud ta' 46 sena bin George u Carmela nee Sciberras, imwieled il-Gharghur fil-21 ta' Frar 1956 u li joqghod fl-indirizz 101, Ambrose Triq San Guzepp Pieta detentur tal-karta tal-identita numru 198856M talli fil-11 t'Awissu 2000 u fix-xhur precedenti fil-fond bl-indirizz 101 Ambrose, Triq San Guzepp, Pieta bhala detentur tal-imsemmi fond jew bhala persuni illi kellu f'idejh l-imsemmi fond, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. ikkommetta serq ta' kurrent elettriku li jammonta ghal Lm245.12 ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-ksur, bil-valur u bil-hin, u dan bi ksur tal-artikolu 18, 261, 263, 264, 267, u 270 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Volontarjament, ghamel hsara fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku jew ikkaguna t-telf tal-kurrent elettriku bi ksur tal-artikolu 326(1)© tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Volontarjament, ghamel hsara jew kisser xi parti minn xi meter ta' l-elettriku jew is-sigili tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provista ta' l-elettriku, jew sigilli taghhom, liema hsara tammonta ghal Lm25, u dan bi ksur tal-artikolu 326(1)() tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-11 ta' Gunju 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 18, 261, 263, 264, 267, 270, 326(1)©(f) tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.